## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 27 ta' Awissu, 2003 fin-12.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier (12.45pm) |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skażat: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Riżoluzzjonijiet.
(4) Ndafa fil-lokal.
(5) Rapport Finanzjarju Apr - Ġun'03 / Mistoqsijiet.
(6) Triq il-Vitorja.

### 25 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

25(1).1 Il-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, ippropona li l-minuti tal-laqgħa numru 23 jiġu approvati mill-Kunsill kif ppreżentati.

Il-Minuti ġew approvati nem. con.

25(1).2 Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi ppropona li l-Minuti tal-laqgħa numru 24 jiġu approvati mill-Kunsill kif ppreżentati.

Il-Minuti ġew approvati nem. con.

## 25 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat li saru u l-ħidma li twettqet mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*25.(2).1 Fondazzjoni għas-Servizzi Edkuattivi - FES ( 01 / 08 / 2003 )*

Ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill Lokali Isla u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi dwar twettiq ta' Family Literacy Program għal madwar xahrejn bejn Lulju u Awissu 2003 u li kien inkorporat fil-proġett Summer Club li ttella' mill-Kunsill Lokali Isla permezz tas-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni fi ħdan il-Kunsill.

*25.(2).2 Kuntatti ma' l-Outlook Coop ( 04 / 08 / 2003 )*

Saru diversi kuntatti biex din il-koperattiva li hija l-aġent tal-Korporazzjoni għall-Imjieg u t-Taħriġ, issib nies oħra li jridu jiġu mibdula ma' dawk il-ħaddiema preżenti ingaġġati mal-Kunsill taħt l-iskem Xogħol fil-Kommunita'.

*25.(2).3 Żbir ta' siġar fix-Xatt ( 05 / 08 / 2003 )*

Il-Kunsill diġa ħa ħsieb biex lż-żbir fix-Xatt li ma' sarux tajjeb ser jerġgħu jsiru qabel ma' saru ilmenti dwar dan lis-Segretarjat Parlamentari fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

*25.(2).4 Użu tal-Bini tal-Kunsill*

Il-Kunsill reġa kkonferma li l-użu tal-bini basrra dak amministrattiv huwa għad-dispożizzjoni tal-Kommunita' Sengleana u ħafna drabi s-Sala u l-preemises intużaw biex isiru funzjonijiet kemm pubbliċl u kemm privati fil-premises tal-Kunsill dejjem bl-approvazzjoni ta' l-istess Kunsill.

Għaldaqstant il-Kunsill jafferma l-appoġġ lejn is-Sindku li jagħmel użu mill-bini tal-Kunsill fil-ħidma li jidhirlu hu.

Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Parlamentari Dott. Carmelo Mifsud Bonnici jiġl nfurmat b'dan biex ixejnu allegazzjonijiet nfundati mressqa minn xi residenti lill-istess Segretarju Parlamentari.

*25.(2).5 Xogħlijiet Urġenti*

Minħabba l-urġenza tax-Xogħlijiet meħtieġa li jisru qabel il-miġja tad-delegazzjoni minn Cassino għall-iffirmar tal-ġemellaġġ, is-Sindku ħa l-inkarigu biex iwettaq dawn ix-xogħlijiet.

25.(2).5.1 Alka Ceramics ser ilestu l-istreet furniture li hemm (bħal ismijiet tat-Toroq) sal-31 ta' Settembru, 2003.

25.(2).5.2 Il-kuntrattur Nexos ser jieħdu ħsieb id-dawl matul ix-Xatt kif ukoll dak li hemm bżonn fil-faċċata ta' Dockyard Terrace, dawl ġdid f'Misraħ Andrea Debono, fanali fi Pjazza San Mikiel kif ukoll fi Ġnien il-Gardjola.

*25.(2).6 Ħlas mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma - Triq San Pietru u San Pawl ( 08 / 08 / 2003 )*

Is-Sindku kellu kuntatti mas-Sur Joe Poggi uffiċjal fil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar il-ħlas dovut lill-Kunsill għal resurfacing bil-Hot Rolled Asphalt għas-Servizzi ta' l-Ilma li twettqu fi Triq San Pietru u San Pawl. Dan sejjer issir billi jiġi kkwotat il-Job File No.

*25.(2).7 Xogħol ta' tibjid tal-ħitan fid-daħla ta' l-Isla*

Is-Sindku kellu kuntatti mas-Sur Nicholas Grech fi Project House dwar xogħol ta' tibjid fuq il-ħitan fid-daħla ta' l-Isla.

Il-Kunsill talab li l-materjal ikun għas-spejjeż tal-Kunsill filwaqt li d-Dipartiment joffri s-servizz bil-ħaddiema tiegħu. Dan is-servizz huwa stmat li jqum madwar Lm 235.

*25.(2).8 Permessi għal xogħol ta' rikostruzzjoni ta' toroq ( 11 / 08 / 2003)*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ta struzzjonijiet biex is-Segretarjat jibda l-proċess għall-permessi meħtieġa sabiex jitkompla x-xogħol ta' resurfacing u pavimentar ta' tlett toroq li huma : Triq il-Kurċifiss, Triq San Lawrenz u Triq il-Vittmi tal-Gwerra skond il-kuntratt approvat ma' Pada Builders Ltd.

*25.(2).9 Night Cruise bil-lanċa ( 12 / 08 / 2003)*

Is-Sotto Kumitat Attivitajiet Soċjali, Familja u Anzjani organiżża ħarġa bil-lanċa filgħaxija fil-Port il-Kbir. Din kienet suċċess tant li kien hemm talba akbar milli setgħu jiġu akkomodati.

*25.(2).10 Żjara mill-Onor.Ninu Zammit ( 25 / 08 / 2003)*

Saret żjara fl-Isla mill-Onor. Ninu Zammit Ministru għar-Riżorsi u Infrastruttura fejn segwa u ra x-xogħlijiet ta' restawr li qed isir mas-swar fid-daħla ta' l-Isla u fuq is-Sur ta' San Mikiel. Wara dan huwa żar il-Kunsill akkumpanjat mis-Sindku u Kunsilliera fejn ingħata merħba u rigal żgħir ta' l-okkażjoni.

Waqt din l-okkażjoni ġie suġġerit biex ix-xogħol ta' tibjid fuq il-ħitan fid-daħla ta' l-Isla li qed isir mill-ħaddiema tad-Idpartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkun gratis. Il-Kunsill qed jipprovdi l-materjal. Għandha tintbagħat ittra lill-Ministru għal dan il-għan.

*25.(2).11 Xogħol ieħor madwar l-Isla*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'dawn l-aħħar xahrejn qed isir xogħol ieħor ta' embellishment fix-Xatt u madwar l-Isla kollha. Dan qed isir min-nies mislufa mid-Dipartiment ta' l-Ambjent u mill-ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill. Il-Ħaddiema mid-Dipartiment ta; l-Ambjent ser imorru lura d-Dipartiment b'effet mill-1 ta' Settembru, 2003. Kif ukoll qed isir xogħol ta' tibjid hekk kif tidħol l-Isla u n-naħa tal-Ponta min-nies volontarja. Il-Kunsill qed jipprovdi l-materjal kollu meħtieġ.

*25.(2).12 Patching ta' ħofor*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa qabbad lil Pada Builders biex jieħdu ħsieb li jsir patching bil-Hot Rolled Asphalt fi Triq il-Vitorja, Triq il-Kunċizzjoni, partijiet fi Triq Iż-Żewġ Mini u bankina ħdejn il-Gardjola.

Il-Kunsill ser jitlob kumpens mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għal dan il-patching kif kien miftiehem.

*25.(2).13 Litter Bins ħdejn l-Iskola*

Fuq suġġeriment tas-Sindku l-Kunsill qabel li l-litter bins li hemm quddiem l-iskola jiġu trasferiti minħabba l-ħsara kbira li qed issir fuqom, tnejn fi Pjazza Papa Benedettu XV u tnejn f'Misraħ 4 ta' Settembru ħdejn il-venda tal-karozzi tal-linja. Flokom ħdejn l-iskola jsiru oħrajn.

*25.(2).14 Dawret Ix-Xatt*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq dawret ix-Xatt issa ntemm u l-Kunsill qed jipprepara biex jitkompla xogħol simili fit-tlett toroq l-oħra, Triq il-Kurċifiss, Triq San Lawrenz u Triq il-Vittmi tal-Gwerra.

*25.(2).15 Ftehim Kunsill Lokali Isla - ADT*

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Awissu, 2003 ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill u l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku biex isiru seba' toroq fl-Isla fi żmien sentejn li l-Kunsill jitħallas lura l-ispejjeż li jkunu saru fuq firxa ta' tlett snin (Kopja mehmuża).

*25.(2).16 Kordinatur Delegazzjoni - Cassino*

Il-Kunsill qabel li jinħatar kordinatur għall-programm kollu li l-Kunsill qed lħejji għaż-żjara tad-Delegazzjoni minn Cassino għall-għan ta' ġemellaġġ. Il-Kunsill qabel li jkun is-Sur Charles Bonello.

Għandha ssir laqgħa bjen is-Sindku Joseph Casha, l-Kunsillier Charmaine Gerada, S-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u s-Sur Charles Bonello.

*25.(2).17* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-28 ta' Lulju, 2003 u t-22 ta' Awissu, 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1266/03/I* *Tagħrif dwar l-Anzjani*

Annabel Zerafa studentaq Universitarja talbet tagħrif dwar l-anzjani fil-lokal, l-aktar dwar dawk li jgħixu waħedhom. Din it-talba ser tiġi diskussa fis-Sotto Kumitat Attivitajiet Soċjali u Anzjani.

*04/1283/03/I* *Seminar Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - 6 ta' Settembru, 2003*

Minħabba li d-delegazzjoni minn Cassino ser tkun il-mistiedna ta' dan il-Kunsill bejn is-6 u l-10 ta' Settembru, 2003 dan il-Kunsill ma' jkunx jista' jattendi għal dan is-seminar.

*04/1295/03/I* *Talba mill-MUSEUM tal-Bniet*

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jgħin fit-tibdil ta' żewġ twieqi ta' l-aluminium wara li jsiru magħrufa l-ispejjeż involuti.

*04/1304/03/I* *Konferenza Nazzjonali - Family Literacy (12 / 13 / 09/03)*

Il-Kunsill qabel li jmorru s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv dejjem jekk id-delegazzjoni minn Cassino mistiedna tal-Kunsill tkun ħalliet Malta.

*04/1311/03/I* *Sprall fi Triq il-Kurċifiss*

Il-Kunsill qabel li jibdel in-netting f'dan l-isprall.

*04/1312/03/I* *Stedina mill-Queen's Own Band Club*

Il-Kunsill kkonferma l-istedina li l-Kumitat ta' dan il-Każin tal-Banda għamel lid-delegazzjoni minn Cassino għal nhar it-Tnejn 8 ta' Settembru, 2003.

*04/1315/03/I* *Mappa tad-Dawl tat-Toroq*

Il-Kunsill bagħat il-mappa tad-dawl tat-toroq ġewwa l-Isla kif mitlub mis-Southern Harbour District Joint Committee.

*04/1350/03/I* *Żbir ta' Siġar*

Environmental Landscapes aċċetta li jagħmel lż-żbir ta' siġar ta' quddiem il-Knisja u dawk ta' fuq is-Sur għall-prezz (speċjali) ta' Lm 500.

*04/1373/I* *Nuqqas ta' Dawl*

Il-Kunsill ħa nota ta' l-iment imressaq dwar in-nuqqas ta' dawl kif titla Triq is-Sur u tibda nieżel għal Triq il-Ponta.

*04/1374/I* *Talba mis-Senglea Ath. F. C. - Youth Nursery*

Il-Kunsill għaraf il-bżonn għat-talba tan-Nursery biex isir xogħol ta' dawl fil-grawnd tal-Ponta wara li jkun għamel stima tax-xogħol meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li l-konsum tad-dawl ikun responsabbilta' tal-Uouth Nursery.

*04/1376/I* *Forum mill-Awtorita tat-Trasport*

Il-Kunsill għandu jibgħat il-kummenti tiegħu għall-abbozz ta' Guidelines li ġie ppreżentat fil-forum. Dawn il-kummenti jsirdu jaslu għand l-Awtorita sal-31 ta' Settembru, 2003.

*04/1387/I* *Radju RTK*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' dan l-istazzjon biex jagħmel xandira fl-okkażjoni tal-festa.

*04/1395/I* *Ground tal-Futbol - Kordin C*

Il-Kunsill stħarreġ it-talba tas-Senglea Athletic F. C. u qed jara kif jista jgħin ħalli jsir meljorament fis-sistema tad-dawl li hemm f'dan il-grawnd li qed jintuża mis-Senglea Athletics Football Club.

*04/1408/I* *Laqgħa għas-Sindki Viċi Sindki (26/27 ta' Settembru, 2003)*

Minħabba li d-delegazzjoni minn Cassino ser iżżur l-Isla f'dawn il-ġranet is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ser jattendi biss nhar is-Sibt 27 ta' Settembru, 2003.

*04/1424/I* *Stedina lid-Delegazzjoni Taljana (Kunsill Lokali Birgu)*

Il-Kunsill laqa l-istedina tal-Kunsill Lokali Birgu għaċ-ċerimonja ta' Jum il-Birgu nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru, 2003 biex id-delegazzjoni minn Cassino li ser tkun fi żjara l-Isla, tattendi għaliha.

*04/1430/I* *Edukazzjoni fil-Kottonera (Kunsill Lokali Bormla - 25 /09/03)*

Għal din il-laqgħa l-Kunsill bagħat lil Anna Spiteri ċ-chairperson tas-Sotto Kumitat Edukazzjoni u żewġ membri mill-istess Sotto Kumitat. Din il-laqgħa ma' saritx minħabba li ma' kienx hemm attendenza mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

*04/1431/I* *Talbiet mill-Boċċi Club*

Fl-opinjoni tal-Kunsill it-talbiet li saru minn din l-Għaqda huwa xi ftit esaġerat u tirrifletti nuqqas ta' responsabbilta għax il-Fondi tal-Kunsill ma' jippermettux li jintlaqgħu dawn it-talbiet. Din l-għaqda ser tiġi nfurmata fejn il-Kunsill jista jgħin dejjem skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

*04/1433/I* *Senglea Family Literacy Program*

Il-Kunsill irċieva l-artiklu lis-Sinjura Anna Spiteri Chairperson tas-Sotto Kumitat Edukazzjoni kienet ser tibgħat artiklu biex jidher fuq is-Sunday Times nhar il-Ħadd 24 ta' Awissu, 2003 dwar il-proġett imsemmi.

*04/1434/I* *Talba għal xogħol fuq sprall*

Il-Kunsill qed jikkunsidra t-talba tas-Sinjura Giglio.

*04/1435/I* *Servizzi ta' Delivery tal-Gass*

Il-Kunsill ikkunsidra t-talba tas-Sur Frans Spiteri u bi ħsiebu jaħdem fuq żewġ alternattivi jew li jsir No Parking zone kull nhar ta' Ħamis bejn is-7.00am u s-1.00pm jew li l-kuntrattur juża trakk żgħir.

*04/1440/I* *Senglea Family Literacy Program*

Saret talba mis-Sur Sandro Spiteri mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi fejn urew ix-xewqa li jiġi mistieden il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għas-Serata finali fil-Gardjola. Il-Kunsill kkonferma din l-istedina.

*04/1460/I* *Nformazzjoni għal Teżi*

Talba minn studenta fl-Universita' li għandha bżonn materjal ta' ħidmet il-Kunsill. Dawn ser jintużaw għall-użu tat-teżi. Dan it-tagħrif jitnbagħtilom hekk kif jinħelsu l-prijoritajiet ta' xogħol li hemm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 25 (3) Riżoluzzjonijiet

Is-Sindku ressaq żewġ riżoluzzjonijiet quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni.

*25.(3).1* Riżoluzzjoni Numru 14/2003 proposta mill-Viċi Sindku Walter ahar u ssekondata mill-Kunsillier Reno Chircop biex il-fondi vvutati għall-Proġett Summer Club u Family Literacy Program li tella l-Kunsill jiżdied minn Lm 100 għal Lm 300 (Kopja mehmuża)
Wara diskussjoni l-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni nem. con.

*25.(3).2* Riżoluzzjoni numru 15/2003. Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill iddiskuta biex il-fondi ivvutati għall-ġemellaġġ jiżdiedu b'Lm 2, 000 (Kopja mehmuża).

Wara diskussjoni l-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni nem. con.

*25.(3).3* Wara li stħarreġ it-talbiet imressqa mis-Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill ħass il-bżonn li jinxtraw fax machine ġdida computer u 4 fannijiet għas-Sala.

Il-Kunsill awtorizża lis-Segretarju Eżekuttiv biex jieħu ħsieb jiġbor kwotazzjonijiet fejn hemm bżonn ħalli jinxtara dan it-tagħmir.

*25.(3).4* Kotba Summer Club

Il-Kunsill approva unanimament biex jinxtraw kotba għall-ammont ta' mhux aktar minn Lm 80. Dawn il-kotba ser jingħataw bħala token lil dawk it-tfal li ħadu sehem fis-Summer Club u Family Literacy Program li l-Kunsill tella' bejn Lulju u Awissu 2003.

*25.(3).5* Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' fax machine, erba' fans u Computer għall-użu ta' fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 25 (4) Indafa fil-Lokal

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa (19th August, 2003) bejn it-tlett Sindki tal-Birgu, Kalkara u Isla biex jistudja l-possibilta' li toħroġ tender waħda li tkopri l-ġbir ta' l-iskart domestiku fit-tlett ibliet. Dan qed isir fid-dawl tad-direttivi ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali minħabba li l-Koperattiva Ndafa Pubblika ġiet xolta.

*25.(4).1* Jidher li kien hemm qbil fil-prinċipju tant li sar qbil biex il-Kunsill Lokali tal-Kalkara jieħu l-inkarigu biex lħejji draft tender document f'isem it-tlett ibliet. Il-mira hija li dan it-tender joħroġ sal-31 ta' Awissu, 2003.

*25.(4).2* Il-Kunsill approva dan l-abbozz ta' ftehim hekk kif imħejji mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu jgħarraf lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara b'din id-deċiżjoni ħalli jkunu jistgħu joħorġu d-dokument tat-tender.

*25.(4).3* Ġie approvat ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Kalkara jieħu ħsieb joħroġ l-avviż ta' dan it-tender kif ukoll jilqa' l-offerti.

*25.(4).4* Sar qbil ukoll li l-bord ta' l-għażla jkun magħmul mit-tlett Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi rispettivi tat-tlett ibliet.

*25.(4).5* Kien sar qbil li sakemm joħroġ u jiġi approvat it-tender il-Kunsill qed jikkonsidra li jkollu servizz temporanju ta' ġbir ta' skart domestiku minn dawk il-kuntratturi li applikaw għat-tender tal-ġbir ta' skart qabel.

*25.(4).6* Għal din is-sejħa wieġbu Marvic & Sons Ltd (04/1400/03/I) bl-ammont ta' Lm 44.84 kuljum u Michael Mizzi (04/1453/03/I) bl-ammont ta' Lm 27.00 kuljum.

*25.(4).7* Il-Kunsill qabel li jibgħat għas-Sur Mizzi biex jara s-servizz li lest li joffri. Jekk dan qed joffri l-istess servizz li offrew Marvic & Sons, dan ta' l-aħħar jingħata r-right ta' first refusal billi hu l-kuntrattur li qed iwettaq is-servizz fil-preżent. Jekk dan jirrifjuta allura l-għażla tal-Kunsill tmur fuq Michael Mizzi.

## 25 (5) Rapport Finanzjarju Apr - Ġun 2003

L-accountant tal-Kunsill ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena finanzjarja Apr - Ġun 2003. Dan ir-rapport kien imqassam lill-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

*25.(5).1* Saru mistoqsijiet mill-Kunsillieri preżenti u dawn ġew imwieġba għas-sodisfazzjoni tal-Kunsill kollu.

*25.(5).2* Dan ir-rapport ġie approvat nem. con.

## 25 (6) Triq il-Vitorja

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fl-4.05pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv